MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Numru 234/2003

Il-Pulizija
(Sp Jeffrey Cilia u
Sp Josric Mifsud)
vs
Mukhtar Rabi' Danian Abu Salem, iben Rabi', imwieled l-Eġittu fis-27 ta' april, 1987
U Galal Salaheddin Ragab Al Said, iben Salaheddin, imwieled l-Eġittu fit-8 ta' marzu, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli fit-3 ta' marzu, 2006, fiċ-Ċirkewwa, limiti tal-Mellieħa, bil-ħsieb li jagħmlu delitt urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom, meta bħala persuni li nieżlu l-art jew imbarkaw f'Malta kellhom ikunu f'pussess ta' passaport u kellhom jagħtu lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-

informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra, kif l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jeħtieġ.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ marzu, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannahom għal piena ta’ xahar priġunerija kull wieħed minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------